ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2010**

| **Ir-Raba' Sena** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **Ħin: Siegħa** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ____________________________________ **Il-klassi:** ______________

TOTAL TAL-MARKI

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ**:

- Imla ismek u l-klassi.
- TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **1**: **Ikteb DRITT jew DMIR ħdejn kull waħda** – *ara l-eżempju.*

| | | **DRITT jew DMIR?** |
|---|---|---|
| Eżempju: | *Ma nħammiġx l-ambjent ta' madwari.* | *DMIR* |
| 1 | Jarani tabib meta nkun marid ħafna. | |
| 2 | Jibagħtuni l-iskola biex nitgħallem. | |
| 3 | Ngħin lil xi ħadd minn sħabi li jkollu bżonn. | |
| 4 | Ikolli x'niekol, x'nilbes u dar fejn noqgħod. | |
| 5 | Nobdi lill-ġenituri fit-tajjeb. | |
| 6 | Nirrispetta lill-għalliema. | |
| 7 | Insib min jismagħni u jagħtini parir tajjeb meta jkolli xi problema. | |
| 8 | Ma nagħmilx storbju waqt ħin il-mistrieħ. | |

(8 marki)

Eżerċizzju **2**: **Aqra din l-istorja. Imbagħad wieġeb.**



Nhar il-Ħadd filgħodu, is-Sur Agius qal lil ibnu Mark: "Mark, imxi miegħi ħa nixtru gazzetta."

Rikbu l-karozza u waqfu fil-pjazza tar-raħal. Filwaqt li l-missier baqa' jistenna fil-karozza, Mark daħal f'ħanut u xtara l-gazzetta.

Fit-triq lura lejn id-dar, is-Sur Agius xegħel ir-radju tal-karozza biex jisma' l-aħbarijiet tal-jum. Ħin minnhom daqq il-mowbajl u allura s-Sur Agius waqaf fil-ġenb tat-triq biex jirrispondi l- mowbajl.

Dakinhar filgħaxija, filwaqt li l-papà qagħad jaqra l-gazzetta, Mark ra film sabiħ fuq it-televixin.

**Wieġeb** : Ikteb l-isem tal-erba' <u>MEZZI TA' KOMUNIKAZZJONI</u> li jissemmew f'din l-istorja:

(a) ________________________________________

(b) ________________________________________

(ċ) ________________________________________

(d) ________________________________________ (2 marki x 4 = 8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **3**: **L-imġiba tagħna fit-toroq.** Aqta' sinjal taħt it-tajba.




1. Meta jixgħel il-kulur aħdar għandi (nistenna ħames minuti, nieqaf fejn inkun, naqsam it-triq bl-attenzjoni, nistenna fuq il-bankina).

2. Meta jixgħel il-kulur aħmar għandi (naqsam it-triq bl-attenzjoni, nistenna, inxejjer lill-karozzi biex jieqfu, naqsam bl-addoċċ).

3. Meta jixgħel il-kulur oranġjo jfisser li (nista' naqsam, il-kulur se jinbidel, għandi nħaffef u naqsam it-triq, nistenna għaxar minuti).

4. Hawn Malta, it-traffiku jimxi (fuq ix-xellug, fuq il-lemin, fin-nofs, fil-ġenb) tat-triq.

5. Meta nsuqu r-rota fit-triq għandna (nsuqu fin-nofs ħalli jarawna, intellqu mal-karozzi, nilbsu ġakketta rqiqa, nilbsu *crash helmet*). (5 marki)

Eżerċizzju **4**: **Spjega fi kliemek kif jiġi l-ilma tax-xita**.



______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (4 marki)

Eżerċizzju **5**: **Agħżel it-tajba.**



1. Temperatura ta' $35^{o}$ Celsius tfisser (maltemp, bard, sħana, xita).
2. Temperatura ta' $10^{o}$ Celsius tfisser (baħar sħun, bard, sħana, sħab).
3. Meta t-temperatura tinżel ħafna, l-ilma jista' jsir (muntanja, silġ, misħun, xmara).
4. Permezz tat-termometru nkejlu (l-qawwa tar-riħ, it-temperatura, id-direzzjoni tar-riħ, id-direzzjoni tax-xita).
5. Fit-termometru jkun hemm likwidu li jissejjaħ (gass, petrol, merkurju, żebgħa).

(5 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Eżerċizzju **6**: **Qabbel dawn li ġejjin billi tikteb numru fil-kaxxi l-voj**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Bil-pluvjometru | | joħroġ ir-rapport tat-temp. |
| 2 | Bl-anemometru | | inkejlu kemm tkun niżlet xita. |
| 3 | Il-pinnur | | inkejlu l-qawwa tar-riħ. |
| 4 | Mill-uffiċċju meteoroloġiku | | jurina d-direzzjoni minn fejn ikun qiegħed jonfoħ ir-riħ. |

(8 marki)

Eżerċizzju **7**: **Ikteb dawn id-direzzjonijiet fil-kaxxi tagħhom**.
(Tnejn minnhom lesti)

*Tramuntana, Punent, Lvant, Majjistral, Lbiċ, Grigal*




(6 marki)

Eżerċizzju **8**: **Ikteb jew il-PAJJIŻ jew il-BELT KAPITALI, skont li jonqos**.

| | PAJJIŻ | BELT KAPITALI |
|---|---|---|
| **eż** | *Il-Portugall* | ***Lisbona*** |
| 1 | It-Turkija | |
| 2 | | *Madrid* |
| 3 | L-Alġerija | |
| 4 | | *Ruma* |
| 5 | Il-Greċja | |



(2 marki x 5 = 10 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **9**: **Wieġeb il-mistoqsijiet.**

1. (a) X’inhu ‘**DEŻERT’?**



________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

____________________________________ (2)

(b) Għaliex huwa diffiċli ħafna biex il-bniedem jgħix fid-deżert?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

____________________________________ (3)

2. (a) X’inhi ‘**FORESTA’?**



________________________________________

________________________________________

________________________________________

____________________________________ (2)

(b) Agħti raġuni waħda għaliex il-foresti huma bżonnjużi għall-bniedem.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

____________________________________ (3)

(Total eżerċizzju 9 = 10 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **10**: **Din hija mappa tal-Gżejjer Maltin.**




**Wieġeb**:

1. Agħmel ċirku bil-bajro fejn tiġi l-Belt Valletta, imbagħad ġol-istess ċirku ikteb in-numru 1. (2)
2. Agħmel ċirku bil-bajro fejn tiġi l-Belt Victoria, imbagħad ġol-istess ċirku ikteb in-numru 2. (2)
3. Ikteb il-kelma '**art**' x'imkien fejn fil-mappa hemm l-art. (2)
4. Ikteb il-kelma '**baħar**' x'imkien fil-mappa fejn jinsab il-baħar. (2)

(2 marki x 4 = 8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **11**:

(a) Liema hu l-monument li jfakkar lil Dun Mikiel Xerri? Ikteb l-ittra **X fiċ-ċirku.**

(b) **Liema hu l-monument li jfakkar lil Dun Karm? Ikteb l-ittra K fiċ-ċirku.**





(2 marki x 2 = 4 marki)

Eżerċizzju **12**: **Ikteb VERU jew FALZ**.

| | | **VERU** jew **FALZ**? |
|---|---|---|
| 1 | Dun Mikiel Xerri għex qabel Dun Karm. | |
| 2 | Dun Mikiel Xerri u Dun Karm Psaila t-tnejn kienu minn Ħaż-Żebbuġ. | |
| 3 | Dun Karm Psaila u Dun Mikiel Xerri mietu martri biex Malta tkun ħielsa mill-Franċiżi. | |
| 4 | Dun Mikiel Xerri baqa' magħruf għall-poeżiji li kiteb bil-lingwa Taljana. | |
| 5 | Dun Karm Psaila kiteb il-versi tal-Innu Malti. | |
| 6 | Insibu monument lil Dun Mikiel Xerri fil-Belt Valletta u l-monument lil Dun Karm Psaila fil-Furjana. | |
| 7 | Bis-saħħa ta' Dun Karm Psaila l-Ilsien Malti sar iktar apprezzat. | |
| 8 | Dun Mikiel Xerri tana eżempju kemm wieħed jista' jħobb lil art twelidu. | |

(8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Eżerċizzju **13**: **Imla l-vojt.** *Agħżel minn dawn.*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sqallija | ma tkeċċewx | Għawdex | żwiemel |
| ġellieda | l-Imdina | il-Kap | l-Għarab |



Il-Kontu Ruġġieru kien ____________________ tas-suldati Normanni li ġew Malta ħafna żmien ilu. Huma ġew Malta minn ___________________ permezz tax-xwieni tagħhom. Dak iż-żmien hawn Malta kienu jikkmandaw ____________________ . In-Normanni kienu ________________ tajbin ħafna u malajr ħarġu rebbieħa. Is-suldati rebbieħa ħadu mingħand it-telliefa armi, flus u ______________________ . Wara din ir-rebħa l-Konti Ruġġieru u s-suldati tiegħu baqgħu sejrin fil-belt ewlenija ta' Malta li kienet _____________________ . Qabel telqu lura, marru _______________ minn fejn għabbew fuq ix-xwieni tagħhom iktar affarijiet. Il-Konti Ruġġieru għamel ftehim mal-Għarab li kien hawn Malta. L-Għarab __________________ minn Malta imma darba kull sena kellhom imorru Sqallija u jagħtu fidda lin-Normanni.

(8 marki)

Eżerċizzju **14**: **Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn li ġejjin**:

1. Il-Milied: ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________
2. L-Għid il-Kbir: ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________
3. L-Imnarja: ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________
4. Il-Festa ta' Santa Marija: ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

(2 marki x 4 = 8 marki)

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers